**27 ta' Lulju, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D**

Perit Renè Buttigieg

*versus*

Carmelo Mangion

**Preskrizzjoni — Interruzzjoni — Art. 2233, 2238 u 2239 tal-Kodiċi Ċivili.**

*B'liġi espressa l-preskrizzjoni tinkiser permezz ta' kull att ġudizzjarju da parti tal-kreditur, jew per mezz ta' rikonoxximent jew xi ħlas akkont li jsir mid-debitur.*

*Jekk ir-rikonoxximent isir wara illi l-preskrizzjoni tkun ġià kompjuta allura dan l-att da parti tad-debitur iġib miegħu rinunzja għall-istess preskrizzjoni, u din, bħal fil-każ ta' l-interruzzjoni, tkun tista' terġa' tibda miexja mill-ġdid.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur talab li — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — il-kovenut jiġi min din il-Qorti kkundannat iħallsu s-somma ta' erbgħa mija u tnejn u tmenin lira (£482) għal drittijiet professjonali u spejjeż relattivi, kif jidher aktar dettaljat fil-kont Dok. A hemm anness. Bl-imgħax u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Awissu, 1962,

**Omissis.**

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal (a) in linea preliminari, li d-domanda attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt għax l-azzjoni hija preskritta skond il-liġi u (b) fil-

meritu u bla preġudizzju tal-ewwel eċċezzjoni, li hu ma għandu jagħti xejn għal drittijiet professjonali lill-attur għaliex il-kont li dan esibixxa hu esaġerat u mhux skond il-ftehim;

Omissis.

Ikkunsidrat:

Illi t-talba attriċi hi diretta biex l-attur jitħallas tad-drittijiet professjonali tiegħu, bħala nġinier u arkitett, għas-serviġi li ta lill-konvenut f'dina l-kwalità. Kontra dina t-talba l-konvenut kien għall-bidu oppona żewġ eċċezzjonijiet u ċioè (a) ilpreskrizzjoni, u (b) li m'għandux jagħti għaliex il-kont mitlub mhux dovut. Il-lum però in vista tal-verbal tal-udjenza tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju, 1964 tibqa' biss l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni billi għal dak li jirrigwarda l-ammont mitlub ilkonvenut per mezz tad-difensur tiegħu, ħalli jiġu evitati l-ispejjeż ta' perizja li eventwalment setgħet tiġi ordnata għal dan l-oġġett, aċċetta l-ammont mitlub bħala tajjeb billi qabel miegħu. Hemm lok għalhekk li tiġi deċiża l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, li dejjem trid tiġi deċiża b'kap separat;

Illi fin-nota tiegħu l-konvenut ma ppreċisax liema preskrizzjoni qiegħed jopponi; dan però sar waqt it-trattazzjoni orali meta ġie sottomess li l-preskrizzjoni hija dik li tirrigwarda proprju d-drittijiet tal-periti arkitetti u li skond l-artikolu 2254 (c) hija ta' sentejn;

Illi quddiem dina l-eċċezjoni l-attur għażel li juri li m'għandiex tapplika u għalhekk ma ddeferiex lill-konvenut il-ġurament skond l-artikolu 2265 li kieku kien ikun applikabbli. Hu għalhekk il-każ li jiġu eżaminati l-fatti riżultati f'dana r-rigward;

Illi skond ma xehed l-attur stess (il-konvenut ma deher qatt u lanqas ma pproduċa xhieda) dana mpjega ruħu mal-Gvern Ċivili f'Gunju, 1961 u allura ma kellux iżied xogħol ta'

direzzjoni x'jagħmel lill-konvenut, li kien spiċċa għall-ħabta ta' Ottubru/Novembru 1960; il-konvenut ħallsu akkont f'April, 1962 u ieħor f'Ġunju 1962 per mezz ta' flus sbankati minn "claims" pendenti quddiem il-War Damage Commission meta ċ-cheques ħarġu fuq il-konvenut però, b'arranġament, intbagħtu lill-attur; kien sar hekk ukoll f'Jannar, 1962. Ta' min hawn jinnota li l-attur kien jitkellem mal-konvenut fuq il-kont tiegħu in ġenerali u mhux fuq xi partita partikolari li għaliha mbagħad sar l-arranġament li ġa ssemma, b'mod li r-rikonox-ximent tal-konvenut tad-debitu tiegħu lejn l-attur kien ukoll ġenerali: l-attur isemmi li l-aħħar li tkellem mal-konvenut, meta dan irrikonoxxa li għandu jagħtih fis-sens li ssemma, kien għal ħabta ta' Diċembru, 1962 jew Jannar, 1963; ma' dan *jiżdied li, kif indikat fiċ-ċitazzjoni, l-attur kien għamel ittra* uffiċjali fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Awissu, 1962;

Illi b'liġi espressa (art. 223, 2238 u 2239 tal-Kodiċi Ċivili) l-preskrizzjoni tinkiser per mezz ta' kull att ġudizzjarju da parti tal-kreditur, jew per mezz ta' rikonoxximent jew xi ħlas akkont li jsir mid-debitur; fil-każ imbagħad li r-rikonoxximent isir wara li l-preskrizzjoni tkun ġà kompjuta allura dan l-att da parti tad-debitur iġib miegħu rinunzja għall-istess preskrizzjoni, u din, bħal fil-każ tal-interruzzjoni, tkun tista' tarġa' tibda miexja mill-ġdid;

Illi in vista ta' dak li ntqal li rriżulta dwar ħlas akkont u rikonoxximent tad-debitu tiegħu da parti tal-konvenut, hu evidenti li l-eċċezzjoni minn dan opposta ma tistax tiġi milqugħa meta wieħed jara li ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet preżentata fl-għoxrin (20) ta' Frar, 1964 billi din tiġi saret qabel ma għalqu s-*sentejn mill-aħħar ħlas akkont f'Ġunju, 1962 u wisq iżjed mir-*rikonoxximent ta' Diċembru, 1962/Jannar, 1963; oltre dan hemm l-ittra uffiċjali preċitata li ġiet notifikata fit-tletin ta' Awissu, 1962 meta lanqas ma kienu għalqu s-sentejn minn meta spiċċaw ix-xogħlijiet u minn dik in-notifika ma għaddewx sentejn sal-preżentata taċ-ċitazzjoni; f'dik l-ittra uffiċjali

l-attur kien ukoll talab l-imgħaxijiet fuq l-ammont li qed jitlob il-lum u li, kif intqal, il-konvenut, neħħi l-kwistjoni tal-preskrizzjoni, ma opponiex bħala ammont;

Għal dawna l-motivi:—

Tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni opposta mill-konvenut u tilqa' t-talba ta' l-attur, bl-imgħax mill-ewwel (1) ta' Settembru, 1962, u bl-ispejjeż kontra l-konvenut.